SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif. Nru. Minuti 16/K6/09**

**It-tmien laqgħa Pubblika 2009 – Paceville (Hamlet)**

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 12/03/09 245**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 12/03/09 298**

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm it-Tmien Laqgħa Pubblika – Paceville (Hamlet), skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2009.

1.02 Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Erbgħa Kunsilliera flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani.

1.04 Skużati: Il-Kunsilliera Irene Borg.

1.05 Assenti: Il-Kunsilliera Karl Gouder u Richard Scicluna.

1.06 Preżenza tal-pubbliku: tnejn (2)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 47A (8) ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

1.08 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppresieda l-laqgħa u beda billi ta' merħba lil dawk preżenti u ta rendikont fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2008/09 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2009/10 (kopja tar-rapport mehmuż).

## 2 Suġġerimenti / Ilmenti

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn is-suġġerimenti / ilmenti:-

- Il-problema ta' parking li hemm f'Paceville;

- Is-Siġra li hemm ħdejn il-Lombard Bank għandha bżonn tinżabar għaliex qed tostakola s-security camera li hemm fil-viċinanza.

- Hemm id-drenaġġ nieżel fil-baħar fit-tarf ta' Triq Wilġa;

- Ġie ssuġġerit illi l-Kunsill javviċina lill-lukandira ta' l-inħawi sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jallokaw ammont ta' parking spaces bi prezz issussidjat;

- Jiżdied skip ieħor fit-tarf ta' Triq Wilġa (ħdejn La Maltija Restaurant)

2.02 Iċ-Chairman irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-6.50p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |